**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 25 ta' Gunju 2025**

**Rikors Numru: 93/2013 MLF**

**Martin Vella**

**vs**

**Effective Marketing Limited**

Il-Qorti,

1. Rat l-avviz tal-attur fejn talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' hamest elef, mitejn u hamsin euro (€5,250) rapprezentanti servizzi rezi lilha mill-attur u dana kif dettaljat fl-iskeda Dok. "A".

   Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra tat-13 ta' Awwissu 2012, ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Jannar 2013, tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet legali minn notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

   ii. Illi jispetta lill-attur li jipprova li attwalment irrenda is-servizzi minnu reklamati kontra is-socjeta' esponenti u li din attwalment accettathom u uzufruwiet

minnhom, apparti l-fatt li jrid jipprova ukoll li huwa kellu d-dritt ghall-kumpens addizzjonali ghal dak li kien pattwit mieghu u li dejjem thallas.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. L-attur xehed[1] li hu kien ftiehem ma' Jason Attard, direttur tas-socjeta' konvenuta, li flimkien mas-siehba tieghu Margaret Brincat kien ser jipprovdi lis-socjeta' konvenuta bis-servizzi tieghu bhala gurnalist *freelance*, editur u konsulent. Xehed li l-ftehim ma' Jason Attard, id-direttur tas-socjeta konvenuta, kien li l-attur kellu jaghmel dan ix-xoghol minghajr indhil, u li decizjonijiet rigward stejjer, intervisti, kontribuzzjoniet, ricerka u reklamar kellhom jittiehdu mill-attur u minn Margaret Brincat. Spjega li l-ftehim kien li huwa kellu jahdem ghaxar sieghat fil-gimgha versu l-hlas ta' €200 kull xahar ghall-ewwel xahrejn u imbaghat versu l-hlas ta' €300 ghax-xhur sussegwenti. Qal ukoll li ma kienx hemm ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol izda kien hemm qbil li l-attur seta' jkompli joffri s-servizzi tieghu lil terzi, u li hu u Margaret Brincat kellhom jahdmu skond id-diskrezzjoni taghhom. L-attur kompla jixhed li bis-sahha tax-xoghol li ghamel hu flimkien ma Margaret Brincat, il-gurnal tas-socjeta' konvenuta beda' jmur tajjeb u kien hemm zieda sostanzjali fil-bejgh tar-reklamar, tant li s-socjeta' konvenuta mxiet gewwa ufficju akbar. Spjega li l-ftehim dwar ix-xoghol addizzjonali kien li dan jithallas kif maqbul bejn il-partijiet skond rati prestabbiliti, u cioe' €100 ghal kull pagna, bejn €150 u €200 ghal *double spread*, bejn €150 u €300 ghal kull intervista specjali, u €200 ghal kull *case study*.

[1] Ara l-affidavit tal-attur a *fol*. 12 tal-process

ii. Qal ukoll li kien hemm qbil mas-socjeta' konvenuta li huwa kien ser izomm id-drittijiet kollha riservati lilu bhala awtur fuq kull kitbiet li jaghmel. Xehed li maz-zmien ix-xoghol tieghu mas-socjeta' konvenuta zdied ghal aktar minn erbghin siegha fil-gimgha. Fost dan ix-xoghol kien hemm dak ta' gbir tad-dejn li kien dovut lis-socjeta' konvenuta mill-klijenti taghha, u li Jason Attard kien weghedu li kien ser ihallsu *commission* fuq l-ammonti migbura u l-ispejjez relatati mal-uzu tal-vettura tieghu. Spjega li f'xahar wiehed kien irnexxielu jigbor dsatax-il elf euro.

iii. L-attur dam jahdem mas-socjeta' konvenuta minn Novembru 2011 sa Gunju 2012. Huwa xehed li wara li ftit zmien li kien beda x-xoghol tieghu rrealizza li Jason Attard kien bniedem differenti minn kif ipprezenta ruhu u l-personalita' tieghu ma kenitx tippermetti li x-xoghol isir b'mod seren. Spjega li s-socjeta' konvenuta kienet thallsu biss il-pagamenti mensili izda l-hlasijiet dwar ix-xoghol addizjonali ma kienux qeghdin jithallsu minkejja diversi weghdiet da parti ta' Jason Attard. Qal li kien hemm drabi fejn huwa kien jislef il-flus lil Jason Attard u dan imbaghad kien ihallsu lura permezz ta' *cheques*.

iv. Xehed li r-relazzjoni mas-socjeta' konvenuta ntemmet wara li Jason Attard kien provdieh b'kuntratt ta' xoghol u qallu li jekk ma kienx ser jiffirmah seta' jitlaq. Huwa kien baghtlu ukoll ittra permezz tal-avukat tieghu sabiex is-socjeta' konvenuta ma tippublikax xoghol li dwaru l-attur kellu dritt tal-awtur, izda s-socjeta' konvenuta xorta wahda iddecidiet li tippublika dak ix-xoghol.

v. In kontro-ezami,[2] l-attur xehed li l-hlas f'ammont fiss ma kienx ghal ghaxar sieghat xoghol fil-gimgha izda fix-xahar. Xehed li l-ftehim bir-rati prestabbiliti ma kienx gie iffirmat mill-partijiet, izda huwa kien baghat dokument li jindika r-rati permezz ta' *email* lil Jason Attard li wara kien cempillu u qallu li accetthom. Qal li x-xoghol kien jaghmlu fuq struzzjonijiet li huwa kien jircievi verbalment jew permezz ta' *email* minghand Jason Attard. Dwar il-gbir tad-dejn li kellha s-socjeta' konvenuta spjega li dwar dan ukoll kien sar ftehim verbali ma' Jason Attard fejn l-attur kellu jithallas *commission* ta' 3.5%. L-attur eskluda li bejnu u s-socjeta' konvenuta kien hemm ftehim ta' *retainer*. Xehed ukoll li huwa ma kienx johrog fatturi lis-socjeta' konvenuta dwar ix-xoghol addizzjonali li kien jaghmel ghaliex kollox kien isir

[2] Ara l-kontro-ezami tal-attur a *fol*. 473, *fol*. 498, *fol*. 513 u *fol*. 567 tal-process

verbalment. Qal li kien hemm drabi fejn huwa kien ircieva hlas fis-somma ta' €600 minghand is-socjeta' konvenuta ghaliex Jason Attard kien hallsu lura somom li l-attur kien tah b'self. Xehed li l-*allowance* ghall-uzu tal-vettura tieghu fl-ammont ta' €130 kellha tithallas ghaliex kien dam gimgha jdur sabiex seta' jigbor il-hlasijiet minghand il-klijenti tas-socjeta' konvenuta. Spjega li huwa ma kienx registrat bhala l-editur tal-gurnal tas-socjeta' konvenuta u lanqas ma' kkontribwixxa finanzjarament ghall-produzzjoni tal-gurnal. Qal ukoll li huwa ma kienx izomm rendikont ta' kemm il-siegha kien jahdem u lanqas kien izomm rendikont tax-xoghol addizzjonali li kien jigi kkummisjonat sabiex jaghmel. Xehed li l-karattru ta' Jason Attard beda johrog madwar xahrejn wara li kien beda jahdem mas-socjeta' konvenuta.

vi. Margaret Brincat, is-siehba tal-attur, xehdet li hi u l-attur kienu gew ingaggati mis-socjeta' konvenuta wara diversi laqghat li kellhom ma' Jason Attard. Spjegat li l-ftehim bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta kien li l-attur kellu jahdem ghaxar sieghat fil-gimgha bi hlas ta' €200 kull xahar ghall-ewwel xehrejn u hlas ta' €300 ghax-xhur sussegwenti. Dwar xoghol addizzjonali il-ftehim kien li dan kellu jithallas skond kif jigi maqbul bejn il-partijiet skond il-kaz. Spjegat illi l-attur beda jaghmel hafna xoghol addizzjonali fuq struzzjonijiet ta' Jason Attard li kienu ferm oltre l-ghaxar sieghat mifthema. Fost dan ix-xoghol l-attur kien jikteb artikli, jaghmel intervisti u *case studies*, jigbor dejn dovut lis-socjeta' konvenuta u jorganizza l-attivitajiet. Xehedet li l-attur kien issugerixxa lil Jason Attard sabiex jaghmel edizzjoni specjali tar-rivista tas-socjeta' konvenuta. Din il-proposta kienet giet accettata minn Jason Attard li kien wieghed lill-attur li kien ser ihallsu ta' dan ix-xoghol addizjonali wkoll. Xehedet li meta l-attur kien jitlob il-hlas lil Jason Attard, dan kien jibda jghajjat u jweghdu li kien ser ihallsu.[3]

vii. Jason Attard, direttur tas-socjeta' konvenuta, xehed li huwa kien gie avvicinat minn Margaret Brincat, is-siehba tal-attur, li kienet qaltlu li hi riedet tibda tahdem mas-socjeta' konvenuta u riedet li l-attur ukoll jibda jahdem maghha. Qal li huwa ma riedx jitlef lil Margaret Brincat u ghalhekk kien iddecieda li jaghti ftit xoghol lill-attur. Spjega li l-attur kien ingaggat fuq *retainer* ta' ghaxar sieghat, inizjalment

---

[3] Ara x-xhieda ta' Margaret Brincat a *fol.* 461 tal-process

ghall-hlas ta' €200 fix-xahar u imbaghad minn Jannar tas-sena 2012 kien zdied ghal €400 fix-xahar. Qal li xi zmien wara kien accetta li jibda jhallas lill-attur €600 fix-xahar u li dan il-hlas kien ikopri intervisti jew kitbiet ohra li kien jaghmel l-attur. Dwar l-erbatax (14) artikolu tal-edizzjoni specjali tal-gurnal li taghhom l-attur qieghed jippretendi li jithallas, ix-xhud spjega li ghalkemm din il-possibilita' kienet giet diskussa huwa qatt ma kien ta' struzzjonijiet sabiex dawn isiru tant li din l-edizzjoni specjali qatt ma giet ippublikata. Xehed li l-attur ma huwa dovut xejn ghall-uzu tal-vettura tieghu stante li dan kien kopert biz-zieda fl-ammont tar-retainer minn €200 ghal €400 ghal €600 u finalment ghal €800. Kompla jixhed li qatt ma kien hemm ebda ftehim bejnu u l-attur ghal hlas ta' xi *commission* relatata mal-gbir tad-dejn tas-socjeta' konvenuta. Spjega li x-xoghol l-iehor li tieghu l-attur qieghed jippretendi l-hlas kienu kollha koperti bir-*retainer* li huwa diga mhallas. Qal ukoll li r-relazzjoni intemmet ghaliex huwa kien kecca lill-attur fejn qallu li s-socjeta' konvenuta ma kenitx tehtieg aktar is-servizzi tal-attur.[4]

viii. In kontro-ezami, Jason Attard xehed li kien hemm zieda fil-hlasijiet lill-attur ghaliex l-attur kien jitlob dejjem ghal iktar flus u huwa ried izomm lil Margaret Brincat kuntenta ghaliex kienet tajba fil-bejgh. Xehed li l-attur qatt ma kien sellfu flejjes. Spjega li lill-attur qatt ma kien awtorizzah jew talbu jaghmel ix-xoghol fuq l-edizzjoni specjali li l-attur ried li ssir. Dwar il-gbir tad-dejn ix-xhud spjega li x-xoghol tal-attur kien limitat ghal li jsegwi impjegat gdid tas-socjeta' konvenuta li kien addett minn dan ix-xoghol u li f'certi okkazzjonijiet fizikament jigbor il-hlasijiet. Qal li ta' dan l-attur kien thallas izda sussegwentement l-attur kien talab ghal *commission*. Spjega li dwar *commission* ma kienx hemm ftehim izda huwa kien accetta li jhallas ammont zghir lill-attur bhala simbolu ta' rieda tajba.[5]

ix. Yulia Attard, mart Jason Attard, spjegat li hija kienet impjegata fuq bazi part-time mas-socjeta' konvenuta fiz-zmien meta l-attur ukoll kien jahdem ghas-socjeta' konvenuta. Xehdet li inizjalment l-attur kien jithallas €200 fix-xahar izda wara xi zmien dan il-hlas kien zdied. Qalet li hija kienet prezenti waqt id-diskussjonijiet tal-ingagg tal-attur u kkonfermat li r-*retainer* tieghu kien jithallas regolarment, hafna drabi *b'cheque* iffirmat minnha. Spjegat li l-attur thallas ukoll ghall-ispejjez

[4] Ara l-affidavit ta' Jason Attard a *fol*. 596 tal-process
[5] Ara l-kontro-ezami ta' Jason Attard a *fol*. 634 tal-process

tal-*fuel* f'perjodu qasir meta kien mitlub isegwi impjegat gdid li kien jiehu hsieb il-gbir tal-hlasijiet. Xehdet li l-attur kien ippropona li s-socjeta' konvenuta taghmel edizzjoni specjali tal-gurnal izda huma dejjem qalulu li ma kienx ghadu l-mument opportun sabiex din l-edizzjoni ssir.[6] In kontro-ezami, ix-xhud kompliet tghid li l-gbir tal-hlasijiet da parti tal-attur sar matul ix-xahar ta' Mejju tas-sena 2012 u dan ghaliex matul dak iz-zmien hi u zewgha Jason Attard kienu ser ikunu msefrin u xtaqu li l-process ikompli miexi. Ghalhekk l-attur kien mitlub sabiex ikompli jigbor il-hlasijiet minghand il-klijenti tas-socjeta' konvenuta li diga' kienet cempiltilhom hi biex ihallsu.[7]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' €5,250 rapprezentanti servizzi allegatament rezi mill-attur lis-socjeta' konvenuta, liema servizzi jinsabu indikati fi prospett imhejji mill-attur,[8] u li jinkludu ammonti li skond l-attur huma dovuti ghal xoghol addizzjonali li huwa ghamel lil hinn mill-ghaxar sieghat miftiehma bejn il-partijiet, u kif ukoll ammonti ohra li skond l-attur huma dovuti bhala *commission* ghal gbir tad-dejn li kien dovut mill-klijenti tas-socjeta' konvenuta u bhala *car and petrol allowance* stante li huwa uza l-vettura tieghu sabiex seta' jigbor dawn il-hlasijiet.

7. Da parti taghha s-socjeta' konvenuta laqat ghat-talba tal-attur billi eccepiet li l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut u li l-attur kellu jipprova li huwa rrenda dawn is-servizzi u li s-socjeta' konvenuta kienet accettathom. Is-socjeta' konvenuta eccepiet ukoll li l-attur kellu jipprova li huwa ghandu l-jedd li jithallas ammonti addizzjonali ghal dak li kien maqbul mieghu u li kien imhallas.

8. Mill-atti processwali jirrizulta kunflitt evidenti bejn il-verzjonijiet tal-fatti li taw il-partijiet. Il-qbil bejn il-partijiet huwa limitat ghall-fatt li ghal perjodu ta' circa seba' xhur li beda bejn Ottubru u Novembru tas-sena 2011 u li dam sa Gunju tas-sena 2012, l-attur

---

[6] Ara l-affidavit ta' Yulia Attard a *fol*. 655 tal-process
[7] Ara l-kontro-ezami ta' Yulia Attard a *fol*. 659 tal-process
[8] Ara Dok A a *fol*. 2 tal-process

kien iforni lis-socjeta' konvenuta bis-servizzi tieghu. Minn hawn imbaghad jibdew id-divergenzi bejn il-partijiet.

9. Id-divergenzi li ghandhom l-akbar impatt fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri huma li fl-ewwel lok is-socjeta' konvenuta tghid li l-attur kien jithallas *retainer* u li dan kien ikopri x-xoghol kollu li kien jaghmel l-attur, filwaqt li minn naha l-ohra l-attur jinsisti li l-hlas fiss kien ikopri x-xoghol tieghu limitat ghal ghaxar sieghat u li kien hemm qbil mas-socjeta' konvenuta li x-xoghol li jozboq dawn l-ghaxar sieghat kellu jithallas skond rati li l-partijiet kienu qablu dwarhom fil-bidu tar-relazzjoni taghhom. Divergenza sostanzjali ohra hija li l-attur jinsisti li huwa kien inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex jigbor l-hlasijiet li kienu dovuti lis-socjeta' konvenuta minghand il-klijenti taghha u li dwar dan il-partijiet kienu qablu li huwa kellu jithallas *commission* ta' 3.5% fuq l-ammonti migbura. Minn naha l-ohra, s-socjeta' konvenuta tikkontendi li ma kien hemm ebda ftehim f'dan is-sens u li Jason Attard, ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, kien accetta biss li jhallas ammont zghir lill-attur bhala simbolu ta' rieda tajba.

10. Dwar il-kunflitt ta' verzjonijiet, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**, deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili[9] inghad illi:

*"Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319);".*

[9] *Per* Imhallef Philip Sciberras, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fid-19 ta' Gunju 2006

11. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Xuereb et vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri)[10] inghad illi:

*"Huwa pacifiku f`materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra;*
*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*
... ...
*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita, u specjalment dawk tal-konsistenza u veromiljanza, ghandhix teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L p II p 440.*"

12. Il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur hija wahda inkonsistenti u mhux korraborata mill-provi dokumentarji. Dawn in-nuqqasijiet, mizjuda man-nuqqas ta' veromiljanza f'certi aspetti tal-verzjoni tieghu, jimminaw il-kredibilita' tax-xhieda moghtija mill-attur. F'tentattiv sabiex jissostanzja t-talbiet tieghu, l-attur ipprezenta volum konsiderevoli ta' dokumenti li uhud minnhom huma irrilevanti ghat-talbiet tieghu. Fost dawn id-dokumenti l-attur ipprezenta stharrig ekonomiku ta' aktar minn mitt pagna mhejji mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment li bl-ebda mod ma jincidi fuq il-mertu tal-vertenza stante li ma ghandu l-ebda effett fuq ir-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-partijiet.[11] Il-Qorti tqis li dokumentazzjoni bhal din giet ipprezentata f'tentattiv sabiex l-attur jikkompensa ghan-nuqqasijiet fil-provi tieghu, tattici dawn li jkomplu jimminaw il-kredibilita' tal-attur.

13. Wahda mill-asserzjonijiet maghmula mill-attur hija li Jason Attard, id-direttur tas-socjeta' konvenuta, tah awtorita' shiha fuq it-tmexxija tan-negozju tieghu. Din il-Qorti

[10] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[11] *A fol.* 262 sa 384 tal-process

hija tal-fehma li huwa ferm improbabbli li sid ta' negozju, partikolarment direttur li ghandu wkoll ir-responsabbilta' finanzjarja u legali tal-kumpanija, icedi l-kontroll ta' dik il-kumpanija lill-attur, li inizjalment kien ingaggat versu l-hlas ta' €200 fix-xahar. Mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda delega bil-miktub bhal rizoluzzjoni, prokura, jew korrispondenza li tissustanzja din l-asserzjoni tal-attur. La huwa ragonevoli u lanqas verosimili li sid ta' negozju jitrasferixxi l-kontroll tan-negozju tieghu lill-attur li kellu joffri s-servizzi tieghu ta' gurnalist u konsulent ghal hin limitat.

14. Jason Attard, id-direttur tas-socjeta' konvenuta, isostni li l-attur kien ingaggat taht arrangament ta' *retainer*, u cioe' b'ambitu limitat ta' servizzi li huwa kellu jipprovdi u li ghal dawn is-servizzi l-attur kellu jithallas somma fissa. Attard spjega li inizjalment din is-somma kienet ta' €200 fix-xahar u imbaghad zdiedet ghal €400, wara ghal €600 u finalment ghal €800 fix-xahar. In sostenn ta' din il-verzjoni ta' Jason Attard, is-socjeta' konvenuta esebiet sett ta' *cheques* li juru l-hlasijiet li kien jircievi l-attur. Fost dawn, hemm *cheques* li jindikaw li fix-xahar ta' Novembru tas-sena 2011 l-attur ircieva zewg hlasijiet, wiehed ta' €250 u l-iehor ta' €150, u *cheque* ta' €400 fix-xahar ta' Dicembru. Imbaghad fix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu tas-sena 2012 l-attur thallas €600 kull xahar, €700 f'April u €800 f'Mejju tal-istess sena.[12]

15. Iz-zieda fl-ammont ta' dawn il-hlasijiet tindika li s-socjeta' konvenuta kienet qeghda taghraf u taccetta li r-rwol tal-attur kien kiber b'mod sinifikanti lil hinn mill-ambitu tal-ftehim inizjali li kien hemm bejn il-partijiet. Madankollu dak li qieghed jippretendi l-attur permezz ta' din il-kawza huwa li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li xoghol bhal ma huma artikli u intervisti kellhom jithallsu skond rati prestabbiliti li kienu maqbula bejn il-partijiet qabel ma l-attur beda joffri s-servizzi tieghu lis-socjeta' konvenuta.

16. Sabiex jissostanzja din l-allegazzjoni tieghu, l-attur jirreferi ghal dokument li huwa jsejjahlu ftehim, li mill-provi jirrizulta li gie mhejji unilateralment mill-istess attur.[13] Fuq dan id-dokument ma hemm ebda firma ta' rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Ghalkemm l-attur jallega li dan id-dokument kien intbaghat lil Jason Attard permezz ta' *email*, prova ta' din l-*email* ma tirruzltax mill-atti. Hija ghalhekk mankanti l-prova li kien hemm qbil bejn il-partijiet taht it-termini pretizi mill-attur. Is-semplici thejjija ta'

[12] Ara *fol.* 610 sa 614 tal-process
[13] Ara *fol.* 39 tal-process

dokument minn parti wahda, minghajr accettazzjoni mill-parti l-ohra, ma tistax tohloq obbligi kuntrattwali. Isegwi ghalhekk li dan id-dokument ma jistax jigi invokat biex tigi stabbilita l-ezistenza ta' xi ftehim.

17. Il-Qorti tqis li l-provi prodotti jindikaw li l-partijiet kienu qablu dwar ammont ta' hlas fiss li kellu jkun dovut lill-attur, u dan jirrifletti l-intenzjoni tas-socjeta' konvenuta li tillimita l-ispejjez li kienet lesta li thallas ghas-servizzi tal-attur. Kien jinkombi fuq l-attur li jipproduci evidenza li turi li l-partijiet ftehmu dwar rati addizzjonali, haga din li l-attur ma rnexxilux jaghmel. Fuq kollox l-attur naqas ukoll milli jaghti spjegazzjoni cara ghaliex kien hemm zieda fl-ammont ta' hlas fiss li beda minn €200 u f'temp ta' sitt xhur zdied ghal €800 fix-xahar.

18. B'zieda ma' dan, in-nuqqas tal-attur li johrog fatturi ghas-servizzi addizzjonali allegati minnu, mhuwiex konsistenti mal-imgieba ta' parti li genwinament temmen li hija intitolata ghal tali hlasijiet addizzjonali. Ghalkemm l-attur fix-xhieda tieghu jghid li l-partijiet kienu qablu dwar *range* ta' prezzijiet relattivi ghax-xoghol addizjonali allegat minnu, fil-volum ta' dokumenti esebiti mill-attur hija mankanti wkoll il-prova li turi li l-partijiet qablu dwar prezz partikolari ghal kull wiehed minn dawn ix-xogholijiet. Lanqas tirrizulta xi korrispondenza li turi li l-attur kien indika u talab lis-socjeta' konvenuta l-ammonti li huwa qieghed jippretendi f'dawn il-proceduri ghal xoghol ta' kitba ta' kitba u artikli. Dan huwa fattur iehor li jwassal lil din il-Qorti tikkonkludi li l-ebda hlas iehor ma kien mistenni jew miftiehem, u jsahhah il-verzjoni tas-socjeta' konvenuta li l-hlasijiet li l-attur kien jircievi ghab-bazi tal-ftehim ta' *retainer* kien ikopri x-xoghol kollu li l-attur kien jaghmel ghas-socjeta' konvenuta.

19. L-attur isostni wkoll li kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa kien sellef flus lil Jason Attard. Lil hinn mill-fatt li dan l-allegat self ma jifformax parti mill-pretiza tal-attur f'din il-kawza u li ma tirrizulta ebda korrispondenza li tindika li f'xi hin l-attur talab li jithallas lura dan is-self, din l-allegazzjoni timmilta kontra in-narrattiva tal-attur li huwa kien jilmenta ma' Attard dwar in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta li thallsu ghal dawn ix-xogholijiet. Ma huwiex verosimili li filwaqt li l-attur qieghed jilmenta ma' Jason Attard biex jithallas dak li huwa jippretendi li kien dovut lilu, fl-istess hin kien qieghed isellef il-flus lil Attard. Din hija kontradizzjoni ohra li ddghajjef il-kredibilita' tal-attur.

20. Fir-rigward tal-pretiza tal-attur li Jason Attard kien weghedu *commission* ta' 3.5% fuq l-ammonti migbura minghand il-klijenti tas-socjeta' konvenuta, l-attur jargumenta li Jason Attard kien accetta b'mod implicitu li jhallsu din il-*commission* f*'email* mibghuta mill-istess Attard li permezz taghha dan kien accetta li jhallas lill-attur din il-*commission*. Hawnhekk l-attur jirreferi ghal korrispondenza li ghaddiet bejnu u Jason Attard permezz ta' diversi *emails.* Jirrizulta li f'*email* datata 26 ta' April 2012 l-attur kien qal lil Jason Attard li kien nefaq aktar minn €130 fi *fuel* sabiex gabar il-hlasijiet u li *"… … I trust that an additional 3.5% share is the least possible and just reward for the professional job executed… … "*. Jason Attard kien wiegeb lill-attur permezz ta' *email* datata 3 ta' Mejju 2012 fejn spjegalu li *"The problem lies in the fact that when I asked you to help me out, you did not make me aware that you expected payment for the favor."* F'*email* sussegwenti Jason Attard jispjega lill-attur li dak li kellu f'mohhu kien gest ta' ringrazzjament stante li s-socjeta' konvenuta ma setghetx thallas aktar.[14] Minn din il-korrispondenza ghalhekk jirrizulta li ma kien intlahaq ebda qbil jew arrangament dwar din il-*commission* kif allegat mill-attur, u li kien l-istess attur li ssugerixxa li jithallas *commission* b'dik ir-rata.

21. Incidentalment, filwaqt li minn din il-korrispondenza jirrizulta li l-attur kien qieghed jippretendi l-hlas ta' €130 ghall-uzu tal-vettura personali tieghu, f'din il-kawza imbaghad qieghed jippretendi s-somma ta' €300 ghal dan l-uzu.[15] Dwar din id-diskrepanza l-attur ma pprovda ebda spjegazzjoni.

22. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-konsiderata fehema li t-talbiet tal-attur mhumiex sostnuti mill-provi prodotti u ghalhekk ser jigu michuda.

**Konkluzjoni**

23. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

   i. Tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, u konsegwentement, tichad it-talbiet tal-attur.

[14] Ara l-korrispondenza bejn il-partijiet fl-emails minn *fol*. 93 sa *fol*. 95 tal-process
[15] Ara l-prospett imhejji mill-attur u mmarkat Dok A a *fol*. 2 tal-process

ii. L-ispejjez kollha ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**

**Deputat Registratur**